MT

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# MANAGER TAL-PRODUZZJONI

NAPA

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta**, li topera taħt l-**Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva** (NAPA), qed tfittex persuna entużjasta u ta' esperjenza biex taħdem bħala **Manager tal-Produzzjoni.**

Il-kandidat magħżul se jkun responsabbli mill-iżvilupp u l-eżekuzzjoni tal-programm artistiku billi jikkoordina u jmexxi l-produzzjonijiet fi ħdan il-kalendarju tal-avvenimenti ta' **Teatru Malta** waqt li jieħu ħsieb il-loġistika biex ikun jista' jittella' dan il-programm.

**Pożizzjoni**
Manager tal-Produzzjoni

**Post**
Teatru Malta, Malta

**Tul tal-Kuntratt**
Minn Settembru 2024 sa Settembru 2025,
bil-possibbiltà li jiġġedded għal sentejn skont il-prestazzjoni.

## Responsabbiltajiet

- Il-koordinazzjoni, is-sapport u t-tmexxija tal-produzzjonijiet magħżula fi ħdan il-kalendarju ta' Teatru Malta kif jiġi mitlub mill-Kap tal-Produzzjonijiet.
- It-tmexxija tal-produzzjonijiet, li tinkludi l-baġits u li jsir ir-rappurtaġġ ta' kull mhu mitlub.
- Li jservi bħala r-rabta diretta bejn Teatru Malta u t-tim kreattiv, tekniku u loġistiku.
- Li jiġu stabbiliti dati ta' skadenza ċari u miri għall-produzzjonijiet, li kollox ikun miexi skont kif ikun skedat u b'mod effiċjenti.
- Flimkien mal-konsulent legali ta' NAPA, issir sorveljanza ta' kull ftehim li jsir dwar il-produzzjonijiet.
- Skedar u koordinazzjoni tal-bookings tal-ispazji li jkunu qed jintużaw f'kollaborazzjoni mal-Managers tal-Produzzjoni.
- Sorveljanza tal-loġistika tal-produzzjonijiet, waqt li tiġi żgurata komunikazzjoni effettiva mat-timijiet artistiċi u tekniċi.
- Rikjesti u mmaniġġjar ta' stimi u direct orders relatati mal-produzzjonijiet, kollox skont ir-regolamenti tal-gvern dwar il-procurement.
- Li jinżammu rekords aġġornati u b'mod ċar ta' kull stima u direct order.
- Koordinazzjoni mad-dipartiment tal-marketing ta' Teatru Malta fuq il-promozzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proġetti.
- It-twettiq ta' kull aspett li jaqa' taħt l-amministrazzjoni ta' proġett, jieħu ħsieb l-infiq tal-produzzjoni, jimmaniġġja l-istimi, invoices u kuntratti.
- Skedar u organizzazzjoni ta' laqgħat tal-produzzjoni u laqgħat post-mortem.
- Koordinazzjoni mad-dipartiment tal-amministrazzjoni dwar l-invoicing tal-produzzjoni.
- Immaniġġjar tal-pjattaformi elettroniċi fejn hemm maħżun id-dokumentazzjoni ta' Teatru Malta.
- Li tiġi żgurata relazzjoni tajba mal-imsieħba u kollaboraturi waqt li l-kandidat magħżul iservi ta' promotur tal-entità.
- Immaniġġjar tal-inventarju, twassil u ġarr, u livelli ta' stokk tal-vestwarju u tal-istokk ta' Teatru Malta.
- Li jitwettqu responsabbiltajiet oħra hekk kif mogħtija mill-Kap tal-Produzzjonijiet u l-Manager tal-Amministrazzjoni

↓ Provi ta' **Il-Fidwa tal-Bdiewa** (2022)



*Ritratt ta' Max Russ*

## Rekwiżiti

- Kwalifika ta' Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF relatat ma' dan l-irwol.
- Għarfien tax-xena teatrali lokali kif ukoll tas-setturi kulturali u kreattivi.
- Esperjenza fiż-żamma mal-ħin skont id-dati tal-iskadenza.
- Il-ħila li toħloq u żżomm relazzjonijiet tajba ma' għadd ta' kollaboraturi u stakeholders.
- Profiċjenza fl-Ingliż u l-Malti, b'ħiliet eċċellenti fil-kitba u t-taħdit.
- Il-kapaċità li wieħed jisma' u ħiliet interpersonali eċċellenti.
- L-abbiltà li wieħed jaħdem kemm b'mod indipendenti u anke f'tim, b'attenzjoni għal kull dettall.
- Esperjenza ta' xogħol relevanti għal mill-inqas sentejn f'avvenimenti / proġetti u mmaniġġjar ta' baġits.
- Il-ħila li wieħed jifhem il-politika tal-gvern, l-inċentivi u l-leġislazzjoni.

## Remunerazzjoni

€24,000 fis-sena (li jeskludi l-VAT imma jinkludi t-taxxi u ħlasijiet oħra) għal 40 siegħa fil-ġimgħa, b'sigħat flessibbli sabiex jitwettaq dak li hu mitlub mill-pożizzjoni.

Il-ħlas jingħata fix-xahar minn NAPA wara li tinħareġ invoice b'numru tal-VAT validu.

## Il-Proċess tal-Applikazzjoni

Applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV lil **contact@teatrumalta.org.mt**.

L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-**16 t'Awwissu 2024 f'nofsinhar.**

L-applikanti eliġibbli se jiġu mitluba jattendu intervista għall-għażla. Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni fl-intervista.

↓ Provi ta' **Trikki Trakki** (2024)



*Ritratt ta' Elisa Von Brockdorff*